DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' April 2013

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2012

(notifikata bid-dokument C(2013) 2454)

(2013/210/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 30 u 32 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni, abbażi tal-kontijiet annwali mressqa mill-Istati Membri, flimkien mat-tagħrif meħtieġ għall-approvazzjoni tal-kontijiet u ċertifikat rigward l-integralità, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet u r-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

(2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, rigward iż-żamma tal-kotba tal-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u tad-dħul u l-kundizzjonijiet ta' ħlas lura tal-ispejjeż fil-qafas tal-EAGF u tal-EAFRD [2] għas-sena finanzjarja 2012, qiegħda titqies in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2011 u l-15 ta' Ottubru 2012.

(3) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR [3] jistipula li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand, jew li għandhom jitħallsu lil kull Stat Membru, skont id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament imsemmi, għandhom jiġu stabbiliti billi jitnaqqsu l-pagamenti ta' kull xahar imħallsin għas-sena finanzjarja kkonċernata, jiġifieri l-2012, mill-infiq rikonoxxut għal dik is-sena skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-pagament ta' kull xahar relatat mal-infiq li jkun sar fit-tieni xahar li jiġi wara dak li fih ittieħdet id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet, jew iżżidu miegħu.

(4) Il-Kummissjoni vverifikat it-tagħrif li ressqu l-Istati Membri u kkomunikat ir-riżultati tal-verifiki tagħha lill-Istati Membri qabel il-31 ta' Marzu 2013, flimkien mal-emendi meħtieġa.

(5) Il-kontijiet annwali u d-dokumenti anċillari jippermettu li l-Kummissjoni tieħu, għal ċerti aġenziji tal-pagamenti, deċiżjoni dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali mressqa. L-Anness I jelenka l-ammonti approvati mill-Istat Membru u l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati mingħand l-Istati Membri jew imħallsa lilhom.

(6) It-tagħrif imressaq minn ċerti aġenziji tal-pagamenti oħra jesiġi li jsir aktar stħarriġ u l-kontijiet tagħhom ma jistgħux jiġu approvati f'din id-Deċiżjoni. L-Anness II jelenka l-aġenziji tal-pagamenti kkonċernati.

(7) Skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006, kwalunkwe skadenza maqbuża matul Awwissu, Settembru u Ottubru għandha titqies fid-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet. Parti mill-infiq iddikjarat minn ċerti Stati Membri matul dawn ix-xhur fis-sena 2012 saret wara l-iskadenzi applikabbli Għalhekk din id-Deċiżjoni għandha tiffissa t-tnaqqis rilevanti.

(8) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 883/2006, il-Kummissjoni diġà naqqset jew issospendiet għadd ta' ħlasijiet ta' kull xahar mad-dħul fil-kontijiet tal-infiq għas-sena finanzjarja 2012. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe rimborż prematur jew temporanju tal-ammonti kkonċernati, dawn ma għandhomx jiġu rikonoxxuti f'din id-Deċiżjoni u għandhom jiġu eżaminati iktar skont il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(9) Skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel tajjeb għal 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet jekk l-irkupru ta' dawk l-irregolaritajiet ma jkunx sar fi żmien erba' (4) snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien (8) snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali. L-Artikolu 32(3) tar-Regolament imsemmi jobbliga lill-Istati Membri biex, flimkien mal-kontijiet annwali, jissottomettu rapport fil-qosor dwar il-proċeduri tal-irkupru meħuda b'reazzjoni għall-irregolaritajiet, lill-Kummissjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 885/2006 jistipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jirrappurtaw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati. L-Anness III tal-imsemmi Regolament jipprovdi t-tabella li kellha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fl-2013. Abbażi tat-tabelli mimlija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[2] ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.
[3] ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90.

il-konsegwenzi finanzjarji min-nuqqas ta' rkupru ta' irregolaritajiet li jmorru lura għal iktar minn erba' (4) jew tmien (8) snin, rispettivament. Din id-deċiżjoni hija mingħajr ħsara għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(10) Skont l-Artikolu 32(6) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiħdux passi għall-irkupru. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss jekk it-total tal-ispejjeż li jkunu saru diġà u dawk li x'aktarx isiru jaqbeż l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jekk jirriżulta li l-irkupru mhux possibbli li jsir minħabba insolvenza, irreġistrata u rrikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli għall-irregolarità. Jekk dik id-deċiżjoni tittieħed fi żmien erba' (4) snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien (8) snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali, il-baġit tal-UE għandu jagħmel tajjeb għal 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas tal-irkupru. Ir-rapport fil-qosor imsemmi fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 juri l-ammonti li l-Istat Membru ddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru tagħhom u fuq liema bażi ttieħdet id-deċiżjoni. L-Istati Membri kkonċernati ma għandhomx jagħmlu tajjeb għal dawn l-ammonti u għalhekk għandhom jiġġarrbu mill-baġit tal-UE. Din id-deċiżjoni hija mingħajr ħsara għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament imsemmi.

(11) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għad-deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nfiq li ma jiġix effettwat skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għajr l-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 2, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), għas-sena finanzjarja 2012, huma approvati permezz ta' din id-deċiżjoni.

L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati minn; jew li għandhom jitħallsu lil; kull Stat Membru skont din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huma stipulati fl-Anness I.

Artikolu 2

Għas-sena finanzjarja 2012, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' nfiq iffinanzjat mill-FAEG, stabbiliti fl-Anness II, huma mifruda minn din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu soġġetti għal Deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet fil-ġejjieni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Dacian CIOLOȘ

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-PAGAMENTI

SENA FINANZJARJA 2012

Ammont li jrid jiġi rkuprat minghand l-Istat Membru jew imhallas lilu

MS		2012 - Infiq/Dhul Assenjat ghall-Aġenziji tal-Pagamenti li l-kontijiet tagħhom huma		Total a + b	Tnaqqis u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha [1]	Tnaqqis skont l-Artikolu 32 tar-Regolament 1290/2005	Total inklużi t-tnaqqis u s-sospensjonijiet	Pagamenti li saru lill-Istati Membri għas-sena finanzjarja	Ammont li jrid jiġi rkuprat minghand Stat Membru (–) jew imhallas lilu (+) [2]
		approvati	mifruda						
		= infiq/dhul assenjat imdahhal fid-dikjarazzjoni annwali	= it-total tal-infiq/dhul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar						
		a	b	c = a + b	d	e	f = c + d + e	g	h = f – g
BE	EUR	626 505 990,43	17 563 033,17	644 069 023,60	– 835 758,00	– 9 465,76	643 223 799,84	643 268 110,28	– 44 310,44
BG	EUR	409 313 564,46	0,00	409 313 564,46	0,00	0,00	409 313 564,46	409 382 531,46	– 68 967,00
CZ	EUR	756 245 858,01	0,00	756 245 858,01	12 287 000,00	0,00	768 532 858,01	768 528 458,42	4 399,59
DK	DKK	0,00	0,00	0,00	0,00	– 66 422,98	– 66 422,98	0,00	– 66 422,98
DK	EUR	920 591 828,88	0,00	920 591 828,88	0,00	0,00	920 591 828,88	920 419 781,93	172 046,95
DE	EUR	5 208 255 884,14	226 507 719,74	5 434 763 603,88	– 10 670,90	– 116 714,81	5 434 636 218,17	5 434 442 720,94	193 497,23
EE	EUR	84 668 605,91	0,00	84 668 605,91	6 584 000,00	0,00	91 252 605,91	91 240 137,57	12 468,34
IE	EUR	1 285 148 754,42	0,00	1 285 148 754,42	– 41 641,57	– 56 295,34	1 285 050 817,51	1 283 663 941,98	1 386 875,53
EL	EUR	2 291 882 303,19	0,00	2 291 882 303,19	– 261 095,95	– 1 786 932,58	2 289 834 274,66	2 291 621 207,24	– 1 786 932,58
ES	EUR	5 785 117 916,91	0,00	5 785 117 916,91	– 289 492,07	– 1 953 186,99	5 782 875 237,85	5 785 098 764,38	– 2 223 526,53
FR	EUR	8 574 978 838,60	0,00	8 574 978 838,60	– 618 018,77	– 2 836 879,32	8 571 523 940,51	8 573 913 709,81	– 2 389 769,30
IT	EUR	4 584 038 546,05	0,00	4 584 038 546,05	– 5 943 018,39	– 5 281 611,90	4 572 813 915,76	4 574 209 766,71	– 1 395 850,95
CY	EUR	37 135 164,63	0,00	37 135 164,63	115 000,00	0,00	37 250 164,63	37 185 681,72	64 482,91
LV	EUR	126 627 252,89	0,00	126 627 252,89	202 904,04	0,00	126 830 156,93	126 811 515,51	18 641,42
LT	LTL	0,00	0,00	0,00	0,00	– 184,79	– 184,79	0,00	– 184,79

		a	b	c = a + b	d	e	f = c + d + e	g	h = f – g
LT	EUR	323 440 802,21	0,00	323 440 802,21	3 181 000,00	0,00	326 621 802,21	326 572 046,77	49 755,44
LU	EUR	33 823 988,14	0,00	33 823 988,14	– 2 597,78	– 998,55	33 820 391,81	33 608 834,43	211 557,38
HU	HUF	0,00	0,00	0,00	0,00	– 250 657 247,00	– 250 657 247,00	0,00	– 250 657 247,00
HU	EUR	1 156 158 797,34	0,00	1 156 158 797,34	0,00	0,00	1 156 158 797,34	1 156 147 681,97	11 115,37
MT	EUR	5 237 634,56	0,00	5 237 634,56	0,00	0,00	5 237 634,56	5 225 133,76	12 500,80
NL	EUR	865 043 698,77	0,00	865 043 698,77	– 124 990,78	– 3 055,23	864 915 652,76	866 711 150,74	– 1 795 497,98
AT	EUR	731 289 360,97	0,00	731 289 360,97	0,00	0,00	731 289 360,97	731 300 872,35	– 11 511,38
PL	PLN	0,00	0,00	0,00	0,00	– 519 914,58	– 519 914,58	0,00	– 519 914,58
PL	EUR	2 819 440 069,24	0,00	2 819 440 069,24	12 429 920,20	0,00	2 831 869 989,44	2 832 111 656,96	– 241 667,52
PT	EUR	753 645 124,44	0,00	753 645 124,44	– 2 860 720,53	– 424 567,26	750 359 836,65	750 267 141,91	92 694,74
RO	EUR	989 121 603,72	0,00	989 121 603,72	– 65 967,69	0,00	989 055 636,03	991 300 594,37	– 2 244 958,34
SI	EUR	124 384 026,71	0,00	124 384 026,71	393 000,00	– 954,10	124 776 072,61	124 777 026,71	– 954,10
SK	EUR	328 103 748,64	0,00	328 103 748,64	3 634 000,00	0,00	331 737 748,64	331 777 829,53	– 40 080,89
FI	EUR	550 258 170,47	0,00	550 258 170,47	– 73 951,98	– 23 890,45	550 160 328,04	550 231 344,07	– 71 016,03
SE	SEK	0,00	0,00	0,00	0,00	– 631 641,70	– 631 641,70	0,00	– 631 641,70
SE	EUR	639 766 558,88	0,00	639 766 558,88	– 24 704,47	0,00	639 741 854,41	639 799 725,33	– 57 870,92
UK	GBP	0,00	0,00	0,00	0,00	– 51 932,23	– 51 932,23	0,00	– 51 932,23
UK	EUR	3 313 755 544,68	0,00	3 313 755 544,68	– 578 462,05	0,00	3 313 177 082,63	3 308 426 422,77	4 750 659,86

SM		Infiq [3]	Dħul assenjat [3]	Artikolu 32 (= e)	Total (= h)
		05 07 01 06	6701	6702	
		i	j	k	l = i + j + k
BE	EUR	– 34 844,68	0,00	– 9 465,76	– 44 310,44
BG	EUR	– 68 967,00	0,00	0,00	– 68 967,00

		i	j	k	l = i + j + k
CZ	EUR	4 399,59	0,00	0,00	4 399,59
DK	DKK	0,00	0,00	– 66 422,98	– 66 422,98
DK	EUR	172 046,95	0,00	0,00	172 046,95
DE	EUR	310 212,04	0,00	– 116 714,81	193 497,23
EE	EUR	12 468,34	0,00	0,00	12 468,34
IE	EUR	1 443 170,87	0,00	– 56 295,34	1 386 875,53
EL	EUR	0,00	0,00	– 1 786 932,58	– 1 786 932,58
ES	EUR	– 270 339,54	0,00	– 1 953 186,99	– 2 223 526,53
FR	EUR	447 110,02	0,00	– 2 836 879,32	– 2 389 769,30
IT	EUR	3 885 760,95	0,00	– 5 281 611,90	– 1 395 850,95
CY	EUR	64 482,91	0,00	0,00	64 482,91
LV	EUR	18 641,42	0,00	0,00	18 641,42
LT	LTL	0,00	0,00	– 184,79	– 184,79
LT	EUR	199 389,51	– 149 634,07	0,00	49 755,44
LU	EUR	212 555,93	0,00	– 998,55	211 557,38
HU	HUF	0,00	0,00	– 250 657 247,00	– 250 657 247,00
HU	EUR	11 115,37	0,00	0,00	11 115,37
MT	EUR	12 500,80	0,00	0,00	12 500,80
NL	EUR	– 1 792 442,75	0,00	– 3 055,23	– 1 795 497,98
AT	EUR	– 11 511,38	0,00	0,00	– 11 511,38
PL	PLN	0,00	0,00	– 519 914,58	– 519 914,58
PL	EUR	– 241 667,52	0,00	0,00	– 241 667,52
PT	EUR	517 262,00	0,00	– 424 567,26	92 694,74

		i	j	k	l = i + j + k
RO	EUR	– 2 244 958,34	0,00	0,00	– 2 244 958,34
SI	EUR	0,00	0,00	– 954,10	– 954,10
SK	EUR	– 38 443,34	– 1 637,55	0,00	– 40 080,89
FI	EUR	– 5 519,31	– 41 606,27	– 23 890,45	– 71 016,03
SE	SEK	0,00	0,00	– 631 641,70	– 631 641,70
SE	EUR	– 57 870,92	0,00	0,00	– 57 870,92
UK	GBP	0,00	0,00	– 51 932,23	– 51 932,23
UK	EUR	4 750 659,86	0,00	0,00	4 750 659,86

(1) It-tnaqqis u s-sospensjonijiet huma dawk meqjusin fis-sistema ta' pagament, li magħhom jinżiedu b'mod partikolari l-korrezzjonijiet għall-qbiż tal-iskadenzi stabbiliti f'Awwissu, f'Settembru u f'Ottubru 2012 u l-korrezzjonijiet għall-istokk eċċessiv.

(2) Għall-kalkolu tal-ammont li jrid jiġi rkuprat mingħand Stat Membru jew imħallas lilu, l-ammont li jitqies huwa t-total tad-dikjarazzjoni annwali għall-infiq approvat (col.a), jew it-total tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar għall-infiq mifrud (col.b).
Rata tal-iskambju applikabbli: l-Artikolu 7 (2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006.

(3) Jekk il-parti tad-dħul assenjat tkun għall-vantaġġ tal-Istat Membru, dan irid jiġi ddikjarat taħt l-intestatura 05 07 01 06.

NB: Nomenklatura 2013 : 05 07 01 06, 6701, 6702

ANNESS II

L-APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-PAGAMENTI

SENA FINANZJARJA 2012 - FAEG

Lista tal-Aġenziji tal-Pagamenti li l-kontijiet tagħhom huma mifrudin u huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni aktar tard

Stat Membru	Aġenzija tal-Pagamenti
Il-Ġermanja	Hamburg-Jonas
Il-Ġermanja	Helaba
Il-Belġju	BIRB